KUNSILL LOKALI — BORMLA *Citta' Cospicua* — LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 015/2021

9 ta' Settembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
James Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

### 15.1 Qari ta' ittri ta' apologija

15.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kienet intbaghtet mill-Kunsillier James Cauchi li permezz taghha, il-Kunsill Lokali gie mitlub jiggustifika n-nuqqas tal-Kunsillier Cauchi mis-Seduta ghal ragunijiet familjari. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cauchi kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

### 15.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

15.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 12/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

15.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli issekondata mis-Sur Marco Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

15.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

15.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 13/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

15.2.5 Fuq talba tal-Kunsillier Martin Vella gie vverifikat ir-recording tas-seduta bil-ghan illi jkun ikkonfermat jekk il-minuti kienux jirrifletti vot li kien ittiehed waqt l-istess seduta. Gie stabbilit illi l-minuti kienu korretti.

15.2.6 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco Agius issekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'hames voti favur u astensjoniu wahda. Is-Sindku sahqet illi kienet astjeniet fil-vot peress li ma kenitx prezeni ghall-maggor parti tas-seduta. Il-Kunsillier Vella sahaq illi huwa ma kellux intenzjoni li jivvota kontra fil-vot mehud waqt l-istess seduta.

15.2.7 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

15.2.8 Il-minuti ta' seduta numru 14/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

15.2.9 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli issekondata mis-Sur Johann, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

15.2.10 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

**15.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

15.3.1 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-attivita' 'The President's Fun Run' li kienet qieghda tigi ppjanata li tittella' nhar il-21 ta' Novembru 2021.

15.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi wara proposta li kienet giet imressqa waqt seduta tal-Kunsill Lokali kienet inzammet laqgha ma' rapprezentanti minn MTIP li matulha kienet giet diskussa funtana gdida f'Bacir Numru 1.

15.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha ta' introduzzjoni li kienet inzammet ma' spettur tal-pulizijagdid li beda jaghti servizz mill-ghassa tal-lokalita'.

15.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali ghall-iskema *Sustainable Urban Mobility Plan* ma kenitx giet milqugha.

15.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi f'isem il-Kunsill Lokali kienet attendiet ghal laqgha dwar ir-Rigenerazzjoni tal-Port il-Kbir ikkordinata mir-Regjun Port.

15.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu saru b'konnessjoni ma' Jum Bormla 2021 u rringrazzjat lil dawk li kienu qieghdin jaghtu l-kontribtut taghhom.

**15.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

15.4.1 Ma kienx hemm

**15.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

15.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru010/21) ghall-approvazzjoni.

15.5.2 Fuq proposta tas-Sur Melanie Agius ssekondat mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**15.6 Mozzjonijiet**

15.6.1 Mozzjoni numru 26/2021 (VIII)
Qijad inressaq mozzjoni biex faccata tal kazin tal Banda ta Bormla isir parkegg ghal muturi,biex b hekk ma jibqawx jipparkjaw in Naha tal funtana…
Irridu nirrispettaw li L hadd filghodu jkun hemm ammont ta Muturi li Bormlizi li jghixu barra Bormla jigu jiehdu dik il bela te s Suq..ta min insemmi li dawn faccata jigu jidru isbah u naqtaw zewg problemi b wahda.ovjament isiru zewg tabelli biex juru fejn Hu l parkegg.

Proponent : Johann Scerri
Sekondant : Marco Agius

15.6.2 Mozzjoni numru 28/2021 (VIII)
Nixtieq nghaddi mozzjoni biex fuq il-mina ta' Santa Liena jerga' jitpogga l-arblu. Specjalment ghas-sena d-diehla li ser inkunu qieghdin infakkru 300 sena belt Cospicua.
Proponent : Marco Agius
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**15.7 Grawnds Peppi Delceppo**

15.7.1 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta fi Grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi waqt ix-xogholijiet, kienu instabu zewg problemi li kienu relatati ma' dwal u qisien. Hija ziedet tghid illi z-zewg materji kienu rizolti u l-kuntrattur seta' jkompli bix-xogholijiet.

15.7.2 Wara diskussjoni libera, li matulha gie stabbilit illi kien hemm dewmien eccessiv min-naha tal-kuntrattur, gie deciz illi kellha tittella' dikjarazzjoni fuq il-mezzi socjali tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi r-residenti jigu aggornati ghalfejn kien hemm dewmien. Kellha ssir laqgha urgenti mal-kuntrattur bil-ghan illi l-istess kuntrattur jigi nterpellat ilesti x-xogholijiet fl-iqsar zmien possibbli. Issemmiet ukoll il-possibilita' illi l-istess kuntrattur jehel il-penali kuntrattwali applikabbli.

**15.8 Devoluzzjoni**

15.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi sabiex applikazzjoni li ssottometta l-istess Kunsill Lokali ghad-devoluzzjoni ta' kappella li kien hemm fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa tkun kunsiderata kompluta u eligibbli, kien jinhtieg illi l-imsiehba fil-progett jghaddu lill-Kunsill Lokali dettalji mill-aspett finanzjarju.

15.8.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bil-possibilita' illi l-Kunsill Lokali jakkwista b'devoluzzjoni sit li kien jinsab f'Xatt ir-Rizq u li kien qieghed jintuza mill-Cospicua Boating Group. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi minn informazzjoni li kellha, l-istess sit kien jappartjeni lill-awtorita' tal-artijiet u fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jissottometti applikazzjoni li kemm il-darba tigi accettata tippermetti lill-Kunsill Lokali jakkwista b'kirja l-istess post. Hija sahqet, illi Cospicua Boating Group, li kienu jamministraw ghoxrin mazzra f'isem il-Kunsill Lokali xorta wahda kellhom jithallew jaccessaw il-post ghaliex filwaqt li kellhom meters tad-dawl u ilma u CCTV cameras, l-istess ghaqda kienet tiltaqa' b'mod regolari.

15.8.3 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu javvja l-process bil-ghan illi hekk kif propost tigi sottomessa applikazzjoni bil-ghan illi s-sit ikun devolut lill-Kunsill Lokali.

**15.9 Rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Settembru 2021**

15.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadmet mal-accountant bil-ghan illi jinghalaq ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Settembru 2021, liema dokument kien intbaghat lill-Kunsilliera. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti rendikont tal-kontenut tad-dokument imsemmi.

15.9.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv fiehem lill-Kunsilliera il-kontenut tad-dokument imsemmi, fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondat mis-Sindku, l-istess dokument gie approvat b'votazzjoni unanima.

F'dan l-istadju il-Kunsillier Johann Scerri hareg mill-kamra tas-seduti. (20:30)

**15.10 Rapporti**

F'dan l-istadju il-Kunsillier Johann Scerri rega' lura ghas-seduta (20:31)

15.10.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta proposta ta' Mobile App li kienet waslet minghand il-kumpanija App-Raiser Digital. Wara li inghataw dettalji tal-proposta, il-Kunsill Lokali qabel illi l-materja kienet applikabbli ghal-lokalita' u l-imsemmija kumpanija kellha tigi kkummissjonata x-xogholijiet rispettivi.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jaccetta l-irhas fost l-offerti migbura ghal twahhil ta' madum f'kitchenette u bathroom fl-ufficini tal-Kunsill Lokali. Is-somma kumplessiva kienet tammonta ghal Ewro1534.00.
- Wara li gew ipprezentati l-istimi, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri blouses ghall prezz ta' Ewro35 (kull blouse), liema prezz kien l-irhas fost l-offerti migbura ghall-impjegati femminili tal-Kunsill Lokali.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kuntrattur li jahdem bih il-Kunsill Lokali kien offra illi jirrestawra fireplace antik li kellu ghall-prezz ta' Ewro960. Wara li s-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess fireplace seta' jitpogga fl-ufficini amministrattivi, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza msemmija.
- Wara diskussjoni libera, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' l-orhos fost tliet offerti ghall-issettjar u stampar ta' kalendarju (2000 kopja). L-orhos offerta kienet tammonta ghal Ewro1732.50.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri kopja tal-ktieb "Karamellu tar-rahal t'isfel" bil-ghan illi jitpogga fil-librerija tal-lokalita'.

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'ilment li kien wasal minghand residenta rigward l-istat hazin ta' bankina li kien hemm fi Triq John Pace.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'Cirkolari 2021/110 mahruga mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali u l-azzjoni li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jiehu sabiex jassisti *cat feeders*.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-evalwazzjoni li kien ghamel l-istess Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' talba ghal kumpens li kien ghamel individwu ghal allegat incident li kellu f'San Gwann t'Ghuxa kienet korretta u l-Kunsill Lokali kellu jzomm mal-pozizzjoni originali tieghu.
- Il-Kunsill Lokali gie infiurmat bi statistika ta' gbir ta' skart imhallat, organiku u riciklabbli matul Mejju, Awissu u Settembru 2020 u 2021 hekk kif ipprovdut mill-iskema Green MT.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghal talba li kienet saret sabiex tittella' Car Show fi Pjazza Santa Margerita.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi applikazzjoni li kienet giet sottomessa b'konnessjoni mal-European Mobility Week ma kenitx giet maghzula.
- Wara li ddiskuta korrispondenza li kien ircieva kemm internament kif ukoll minn residenti, il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tigi ssorveljata implimentazzjoni ta' decizjoni sabiex parti minn Pjazza Santa Margerita tinghalaq ghat-traffiku.
- Wara li giet moqrija korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand il-kumitat ghat-tismija tat-toroq, kien hemm qbil illi l-parti ta' triq li l-istess kumitat kien qieghed jipproponi illi tinghata isem gdid ma kenitx pubblika u l-proposta ma setghetx tigi implimentata.
- Wara diskussjoni libera, il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba li kienet waslet minghand il-Kazint al-Banda San Gorg sabiex nhar is-6,7 u 8 ta' Dicembru 2021 jittellghu attivitajiet fi Pjazza Paolino Vassallo. Gie deciz illi l-istess ghaqda kellha tipprovdi lill-Kunsill Lokali b'xi dokumenti sabiex ikun zgurat illi l-attivita' tkun konformi mar-regolamenti li kienu japplikaw.

*F'dan l-istadju is-Sindku ghaddiet mozzjoni sabiex is-seduta tkun tista' titkompla minkejja li kienu ghaddew tliet sieghat mill-bidu tal-istess seduta skont Art 43 (2) tal-att dwar il-Gvern Lokali. Is-Sa. Melanie Agius issekondat u kien hemm votazzjoni unanima.*

- Gie deciz illi kemm il-darba jkun possibbli kellha tigi implimentata proposta li kienet waslet minghand ghalliema ta' Yoga, liema proposta kienet tikkoncerna korsijiet ghal residenti.

***F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Vici Sindku Marco Agius (20:49)***

- Wara li s-Sindku poggiet fuq il-mejda estratt mill-att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363), gie deciz illi skont Art. 70(1)(a) nhar l-14 ta' Dicembru 2021 kellha tittella' laqgha annwali bil-ghan illi jigu pprezentati l-estimi finanzjarji ghas-sena 2022.

**15.12 Attivita' Milied 2021**

15.12.1 Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Johann Scerri u l-Vici-Sindku Marco Agius aggornaw lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu ser ikunu qieghdin jithejjew b'konnessjoni ma' attivita' li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana illi jtella' nhar it-18 u d-19 ta' Dicembru 2021. Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi b'konnessjoni mal-istess materja, applikazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jikseb fondi ghall-istess attivita', kienet giet milqugha mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali u l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jibbenefika minn ftit aktar minn Ewro 29 000.

**15.12 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

15.12.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:55 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-14 ta' Dicembru 2021 fil-5:30 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |